**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Ian Bonnici**

Numru 8/2016

Illum 26 ta' Frar 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ian Bonnici,** ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Mario u Theresa nee' Gafa', imwieled ir-Rabat, Ghawdex fil-21 ta' Awwissu 1987, residenti fil-fond Anvin, Triq Guzeppi Grech, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32587G, akkuzat talli nhar it-2 ta' Marzu 2014, u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D. nhar l-24 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C");

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet trattazzjoni da parte tal-Ispettur Gabriel Micallef ghall-Prosekuzzjoni u da parte ta' Dr. Anton Refalo ghall-imputat.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz sehh fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) f'Għawdex waqt diversi spezzjonijiet waqt l-avvenimenti tal-karnival. Minn ġewwa r-Rabat, minn ħdejn klabb waqqfu persuna li dehret taġixxi suspettuż. Wara tfittxija li saret fuq Ian Bonnici, il-persuna suspettata, instabu erbatax-il (14) pakkett b'sustanza bajda suspettata kokaina.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu disa' (9) xhieda:

Spettur Gabriel Micallef (a fol. 11 et seq.), PS 1163 Frans Schembri (a fol. 18 et seq.), l-Ispizjar Godwin Sammut (a fol. 25 et seq.), PC 760 Chris

Saliba (a fol. 34), Spettur Frank Anthony Tabone (a fol. 36 et seq.), l-imputat Ian Bonnici (a fol. 59 et seq.), Dr. Angele Agius (a fol. 64 et seq.), Dr. Anton Refalo (a fol. 66 et seq.) u l-Ispettur Dr. Frank Anthony Tabone (a fol. 69 et seq.).

L-ispettur **Gabriel Micallef**[1] (a fol. 11 et seq.) spjega li:

> *Nhar l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) konna tlajna Għawdex naghmlu diversi spezzjonijiet waqt l-avvenimenti tal-karnival ġewwa Għawdex. Minn ġewwa r-Rabat, minn ħdejn klabb li jinsab ġewwa r-Rabat konna waqqafna persuna hemmhekk li deher jaġixxi suspettuż,*
>
> *[…]*
>
> *Kien viċin ħafna tal-klabb fejn waqqafnih, proprju forsi dawk l-ghoxrin metru (~20m) boghod mill-klabb kien fejn ipparkja u waqqafnih aħna. Hemmhekk konna ippruvajna nwaqqfuh, infatti irreżista l-pulizija. Jien kont hemmhekk ukoll fuq il-post, però dak il-ħin ma kontx qed narresta lilu, kont qed narresta lil sieħbu li ukoll kien qed jirreżistina. U wara tfittxija li saret fuq Ian Bonnici, il-persuna suspettata, instabu erbatax-il (14) pakkett b'sustanza bajda suspettata kokaina. Dan kien ġie arrestat fuq il-post u ttieħed ġewwa l-ghassa, ir-Rabat, fejn ġie mitkellem mill-Ispettur Frank Tabone u l-Ispettur Bernard Spiteri.*

[1] Seduta tas-16 ta' Ġunju 2016

*<u>Kontro eżami</u>:*

*<u>Difiża</u>:*

*Spettur, tikkonferma li meta waqqaftu lill-imputat, dan kien f'karozza?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, kien ġo karozza, minghalija kienet Jeep, Suzuki Jeep.*

*<u>Difiża</u>:*

*Tikkonferma li fil-karozza huwa ma kienx waħdu?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, fil-karozza kien hemm persuna oħra, kienet persuna truxa, ma niftakarx x'kien jismu ghax attwalment fil-pussess tiegħu ma nstab xejn. Dan kien meta pruvajna nwaqqfu lilu wkoll peress li huwa persuna truxa ma bediex jismaghna nghidulu li aħna pulizija u beża', beda jirritalja proprju, aħna qegħdin nghidulu pulizija u hu ma qed jisma' xejn.*

*<u>Difiża</u>:*

*Jekk nghidlek illi kienu tlieta (3) fil-karozza u mhux tnejn?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien milli niftakar jiena, minn fejn rajthom jiena, tnejn rajt, lil Ian Bonnici u lill-persuna l-oħra t-truxa, minn fejn kont qed nara jiena.*

*<u>Difiża</u>:*

*Li huwa raġel jew mara?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Il-persuna l-oħra, it-truxa? Raġel, raġel.*

Ix-xhud **l-ispettur Frank Anthony Tabone**[2] (a fol. 36 et seq.), spjega li:

*"fil-karnival tal-elfejn u erbatax (2014), kien għal Marzu, kienu ġew l-Iskwadra ta' kontra d-Droga Għawdex flimkien ma' diversi pulizija mill-istess skwadra, fejn kienu għamlu diversi raids u fost dawn ir-raids kienu arrestaw lil ċertu Ian Bonnici. Huwa kien nġieb l-għassa tar-Rabat Għawdex fejn kont tajtu d-drittijiet tiegħu, kien ukoll ikkonsulta mal-Avukat Dottor John Paul Grech qabel l-istqarrija u fejn kien irrilaxxa stqarrija li fiha tlett (3) paġni. L-istqarrija ġiet irrilaxxata nhar it-tlieta (3) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014), għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (~3.00 p.m.).*

*[…]*

***Kontro-eżami:***

*Avukat Difensur:*
*Spettur, ara nkunx korrett ngħid illi ftit tal-jiem wara, l-istess Bonnici kien ġie fil-preżenza ta' xi ħadd ieħor fl-uffiċċju tiegħek u identifikalek mingħand min kien fornieh din l-istess droga?*
*Xhud:*
*Eħe, jien Bonnici ftit ġranet wara kien ġie l-uffiċċju tiegħi fejn kien semmieli persuna minn fejn allegatament hu kien xtara d-droga.*
*Il-Qorti:*
*Għamiltu l-proċedura quddiem Maġistrat bil-ġurament?*
*Xhud:*

[2] Seduta 11 ta' Jannar 2017

*Mela, jiena kont spjegajtlu xi jrid isir, fejn kont infurmajtu li huwa jrid jagħmel stqarrija bil-ġurament biex ikunu jistgħu jittieħdu passi kontra s-sinjur, u jixhed kontrih, però hu kien ħassu li mhux komdu jixhed kontrih, ma riedx jixhed kontrih u lanqas ried jidher li ta l-informazzjoni lill-pulizija. Jiena kont tajtu żmien biex jaħsibha u jkellem lill-Avukat, pero ma kienx reġa' ġie l-uffiċċju tiegħi.*

Ix-xhud **PC 760 Chris Saliba[3]** xehed li *"fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) konna assenjati ġewwa Għawdex fil-weekend tal-karnival sabiex nagħmlu xi tfittxijiet minħabba li kienu qed isiru xi parties hawnhekk fejn għal ħabta ta' xi t-tlieta neqsin għaxra ta' filgħodu (~2.50 a.m.) konna qegħdin fit-telgħa tal-Ku Club ġewwa r-Rabat fejn hemmhekk konna waqqafna persuna bl-isem ta' Ian Bonnici fejn minn tfittxija li konna għamilna fuqu konna sibna erbatax-il (14) pakkett suspettati bid-droga tal-kokaina."*

Ix-xhud **PS 1163 Frans Schembri[4]** spjega li:

*Fit-tnejn (2) ta' Marzu tat-two thousand fourteen (2014) konna qegħdin duty Għawdex minħabba żmien tal-karnival; konna qegħdin fil-pjazza fejn hemm il-Ku Bar, il-Ku Club. F'ħin minnhom daħlet vettura ħamra, speċi ta' Suzuki Jeep, u rajniha tipparkja 'l fuq fit-telgha u waqfet ma' gate. Ġiena suspett fiha din il-vettura u morna niċċekkjawha u mill-arrest li sar fuq żewġt irġiel u kien hemm tfajla – fuq it-tfajla ma sibna xejn u ħallejniha titlaq – l-oħrajn żammejna wieħed minnhom, ċertu Ian Bonnici, ghax kellu xi pakketti bi trab abjad fuqu. L-ammont eżatt ma niftakarx kemm kien hemm imma*

[3] Seduta tas-17 ta' Novembru 2016
[4] Seduta tas-16 ta' Ġunju 2016

*ghax jiena mbagħad ħa over PC 760 ghax jiena komplejt fuq xogħol ieħor relatat ma' biċċa xogħol oħra.*

L-**<u>Ispizjar Godwin Sammut</u>**[5] (a fol. 25 et seq.) xehed li "*bħala konklużjoni kien hemm erbatax-il (14) qartas tal-plastik li kien fih trab ta' lewn abjad li jirriżulta pożittiv għall-kokaina. Il-piż totali ta' trab kien ta' five point nine four grammi (5.94 grs.) u l-purità kienet ta' ċirka eighteen percent (~ 18%).*"

L-imputat **<u>Ian Bonnici</u>**[6] (a fol. 59 et seq.) xehed li:

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Dakinhar meta ġew il-pulizija kont fl-inħawi tal-Ku, spjegalna fejn kont u x'għamlu xħin ġew u kemm kont imbiegħed mill-Ku.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien kont qiegħed taħt is-sur, hemm gate taħt is-sur, u ħriġt barra fejn il-karozza –*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Waħdek kont jew kont ma' xi ħadd ieħor?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, kont ma' tnejn oħra. Jien ftaħt il-bieba, ħriġt barra u malli ħriġt barra ġew il-pulizija nsibhom fuqi.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*U fuq din li sabulek, il-pakketti li sabulek, fejn kienu u x'kien biħsiebek tagħmel bihom?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

[5] Seduta tas-17 ta' Novembru 2016

[6] Seduta tat-23 ta' Ottubru 2018

*Il-pakketti kienu ġol-but u jiena kont ħiereġ biex nitfagħhom ġol-bagoll wara, biex naħbihom fuq wara ġol-bagoll.*

*[…]*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*U mingħand min kont xtrajtha?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jien kont xtrajtha mingħand l-Ispanjol, m'għand wieħed ċertu Carlos, insejt kunjomu bħalissa.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Jgħidulu l-Ispanjol.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Hu Spanjol, iva.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Imbagħad dik kont se toħodha miegħek il-Ku jew kont ħa tħalliha –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, jien kont se nħalliha ġol-karozza. Jiena dik xtrajtha għalija biex noħodha fil-karnival, imma kont fis-sakra dak il-ħin u ħriġthom kollha miegħi u kont se nieħu waħda waħda għalija, fhimt? jiġifieri.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*U ġew il-pulizija, hux hekk?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*U fejn kont ipparkjat inti u l-Ku, taf tgħidilna kemm kien hemm distanza?*

*Ix-xhud:*

*M'għandix idea, m'għandix idea kemm hemm distanza.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*Imma iktar minn mitt metru (> 100m)?*

*Ix-xhud:*

*M'għandix idea. Naħseb li hemm iktar minn mitt metru naħseb.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*Mill-Ku.*

*Ix-xhud:*

*Mill-Ku, iva.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*Mill-entrata.*

*Ix-xhud:*

*Mill-entrata, iva, għax hu jiġi fuq nett, barra ħafna, jiġifieri taħt is-sur.*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*Taħt is-sur fejn ġie tranġat.*

*Ix-xhud:*

*Iva fejn tranġa iva.*

*[…]*

*Avukat Dr. Anton Refalo:*

*U dawk tgħidilna kienu għalik,*

*Ix-xhud:*

*Dawk kienu għalija personali, jiġifieri jiena xtrajthom għall-karnival kollu biex ikolli għax jiena kont nieħu, kelli l-problema tad-droga u xtrajthom biex ikolli għall-karnival kollu.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*U qatt bgħett lil xi ħadd?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Ixxerjajt ma' xi ħadd?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ixxerjajt ġieli iva.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Ma' xi ħadd.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Avukat Dr. Anton Refalo</u>:*

*Imma bgħett, għall-flus, qatt ma bgħett.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Prezunzjoni tal-innocenza**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico;* '*the accused is presumed innocent until proved guilty.*' "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Paul Philip Caruana***, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) presjeduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna deciza nhar il-21 ta' Gunju 2017:

> *7. Issa, fejn si tratta ta' akkuża bħal dik odjerna, il-pożizzjoni legali hi din: Il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni u a bażi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, tkun biżżejjed. Meta l-ammont ta' droga tkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati. Iżda jekk il-pussessur jikkontesta dan, jiġifieri jallega li d-droga kienet għall-użu esklussiv tiegħu, irid fuq bażi ta' probabbilta` iġib il-provi biex isostni d-difiża tiegħu.*[7]
>
> *8. Kemm il-kwantita` kif ukoll il-mod kif droga tkun stivata, imgeżwra, ippakkjata, eċċ., huma indikaturi ta' jekk droga tkunx għall-użu esklussiv ta' persuna jew mhux għall-użu esklussiv tiegħu. In lineja ġenerali jista' jingħad li akbar ma jkun l-ammont aktar ikun verosimili li din ma tkunx għall-użu esklussiv ta' persuna. Pero` jista' jkollok ammont konsiderevoli ġo pakkett wieħed u jista' jkollok ammont zghir imqassam f'diversi kontenituri jew pakketti jew qratas*

[7] Ara Appell Krimnali il-**Pulizija v. George Grima**, 11 ta' Mejju 2007.

*u xorta jitqies li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-persuna li għandha tkun instabet tali droga. Fil-każ in ezami kien hemm total ta' 14.691 grammi kokaina mqassmin 9.670 grammi f'borża u 5.021 grammi f'borża oħra. Ċertament l-ammont ma kienx wieħed iriżorju, iżda ġaladarba l-Liġi tagħna ma tiddeterminax a priori l-minimu meħtieġ biex persuna tkun tista' tinsab ħatja ta' pussess mhux għall-użu esklussiv tagħha, kull każ irid jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fattispecie partikolari tiegħu.*

*[…]*

*12. L-ewwelnett irid jingħad li min ikun qiegħed jabbuża mid-droga normalment ma jkunx jaf il-purita` tad-droga li jkun qiegħed jikkonsma. Imbagħad jekk l-appellant, bħalma jgħid, kien jixtri regolarment mingħand l-istess persuna, u dik il-persuna kienet tbiegħlu kokaina b'dik il-purita`, m'hemmx dubju li ġisem l-appellant kien tolleranti għal dik il-purita`. Kwantu għall-frekwenza ta' l-abbuż da parti ta' l-appellant u l-ammont li kien jieħu, wieħed ma jistax jitfa lil kulħadd fl-istess keffa. Fid-dinja ta' l-abbuż tad-droga hemm diversi fatturi u ċirkostanzi li jvarjaw minn persuna għall-oħra.*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-taghlim gurisprudenzjali dwar cirkostanzi li juru li pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv. Is-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina) vs Brian Caruana'</u>**[8] gie kkunsidrat li:

*'Dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Mejju, 2002 (Appell numru: 167/2001 JGD)

*tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti.*

*Illi fattur kurjuz u ta' certa rilevanza umbaghad johrog mill-istess stqarrija tal-appellant fejn jghid li gieli marru nies ghandu sabiex jitolbuh id-droga, izda skond hu qatt ma kien ta lil hadd. Kieku kien veru li hu sab id-droga in kwistjoni b'xi wahda miz-zewg modi solitarji u b'kumbinazzjoni li jghid li sabha u kien biss kulltant jaghmel uzu minnha wahdu, wiehed legittimament jistaqsi: kif griet il-kelma u kienu sahansitra jmorru in-nies ghand l-appellant u jitolbuh id-droga? Minn dan il-fatt ammess mill-istess appellant jidher li hu kien maghruf fic-cerkji tad-droga bhala wiehed li ghandu il-mezzi kif jista' jissodisfa il-bzonn ta' persuni ohrajn ghall-istess droga u din hija indikazzjoni ohra li setghet legittimament u logikament twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni minnha raggunta.*

*Indikazzjoni cirkostanzjali ohra hija l-mizien elevat mir-residenza tal-appellant. Wiehed jistaqsi: jekk hu minnu li l-appellant kull ma kien jaghmel bid-droga li suppost sab, kien li jpejjep xi wiehed kulltant, xi bzonn kellu li jkollu mizien jekk mhux biex ikejjel u jqis il-piz ta' partiti tad-droga li kien ser jghaddi jew li kien jghaddi lil terzi? Biex irembel cigarrett ghalih wahdu, ma kellux bzonn mizien, ghax anki jekk irembel ftit inqas jew ftit aktar minn daqshekk droga li kellu, ma kien ser jigri xejn . Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-appellant kien juza id-*

*droga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghall-lest go kaxxi ta' sulfarini, b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra?*

*Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu, ghandhu indubbjament il-portata tieghu, izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) Vs Stephen Abela'**[9] ikkunsidrat li:

'***l-Ewwel Qorti kellha kull dritt timferixxi li mill-kumpless tac-cirkostanzi l-fatt li l-appellant mar go kazin fejn ikun hemm iz-zghazagh bi kwantita' mhux insinifikanti ta' droga eroina li zgur li dak il-hin ma kienetx kwantita' li ser juza ghalih barra mid-dar tieghu, kien hemm ic-cirkostanzi li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu fid-dawl tal-gurisprudenza minnha citata.'***

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Awwissu, 2005 (Appell Kriminali Numru: 116/2005)

Illi kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg Vs Lawrence Fabri'**[10]:

*'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq* ***"possession with intent to supply"****, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

***"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak***

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

***il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha[11]"***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

[11] 02/09/1999 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza citata)

- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*[12]*"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in*

[12] www.cps.gov.uk (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza citata)

*Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta' l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.*

*Maghmula allura dawn il-kondsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur*

*malti. Kwindi anke dan l- aggravvju qed jigi rigettat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud'**[13] ġie kkunsidrat li:

*'Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*

***"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***

*F'dan il-kaz irrizulta li l-appellant dahal it-Tattingers disco, ir-Rabat, u hemm instabu fuqu mill-Pulizija 38 pillola ecstasy. Certament dan l-ammont mhuwiex ammont li wiehed jikkonsma wahdu f'lejl wiehed ta' divertiment. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi b'hekk biss l-ewwel imputazzjoni hi assodata. Aktar minn hekk, il-prosekuzzjoni esebiet bhala Dok. NC2 l-istqarrija ta' l-appellant. Huwa minnu li din ma gietx iffirmata pero` m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li hija l-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija. Difatti fir-rikors ta' appell*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)

*tieghu jghid biss li ma ffirmax ghax "ma kienx konvint mill-kontenut taghha". Pero` meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-unika spjegazzjoni li ta bhala raguni ghalfejn qal "jekk jinqala' xi hadd jiena kont sejjer inbiegh minnhom" kienet li kien imbezza'. Wara li l-ewwel Qorti fakkritu li kien bil-gurament u jrid jghid il-verita`, il-linja ta' mistoqsijiet mid-difensur tieghu hadet linja ohra, u cioe` dwar il-kondizzjoni prezenti tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ispjegazzjoni li l-appellant ta ma xxejjen bl-ebda mod il-kontenut ta' l-istqarrija, ossia ta' dik id-dikjarazzjoni li huwa ghamel fiha dwar x'kien se jaghmel bil-pilloli.*'

Mill-provi jirrizulta ampjament pruvat li d-droga misjuba f'erbatax (14)-il pakkett fuq l-imputat kienu jikkontjenu l-kokaina. L-ammont ta' kokaina li nstab fuq l-imputat ma kienx ammont esagerat izda kien maqsum f'erbatax-il pakkett. L-espert tal-Qorti l-Ispizjar Godwin Sammut qal li "*kien hemm erbatax-il (14) qartas tal-plastik li kien fih trab ta' lewn abjad li jirriżulta pożittiv għall-kokaina. Il-piż totali ta' trab kien ta' five point nine four grammi (5.94 grs.) u l-purità kienet ta' ċirka eighteen percent (~ 18%).*"

Din il-Qorti se ssib htija ta' din l-ewwel (1) imputazzjoni rigwardanti l-pussess aggravat tad-droga kokaina u dan tenut kont tal-fatt li ghalkemm l-ammont misjub fuq l-imputat ma kienx wiehed konsiderevoli anke jekk l-imputat kien jabbuza minn din id-droga, kif sostna hu meta xehed minghajr ma gab xi prova ta' dan l-abbuz u jekk kienx prova jiehu xi kura biex johrog minn dan l-abbuz. Wiehed li jabbuza mid-droga ma jkollux erbatax (14)-il pakkett fuqu. Il-mod kif prova jiggustifika dan ma jikkonvincix lil din il-Qorti.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

It-tieni imputazzjoni li taqra li '*ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.* Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li fejn inqabad l-imputat bid-droga huwa post fejn jiltaqghu z-zghazagh izda l-Prosekuzzjoni naqset li ggib prova li dan sar *"gewwa distanza ta' mitt metru"*. Ghalhekk, l-imputat mhux se jinstab hati ta' din l-akkuza. Il-Qorti tappella lill-Prosekuzzjoni li meta jkun hemm kaz bhal dan jitolbu li jinhatar perit biex ihejji pjanta u jkun hemm il-kejl biex ma jinholoqx dubju kif sar f'dan il-kaz.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Ricediva</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> "*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati*

*mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita' li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa, "*Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.*"

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza biex tipprova din l-imputazzjoni u ghalhekk l-imputat mhux se jinstab hati ta' din l-akkuza.

**DECIDE:**

Tenut kont tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*'Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i): ...'*

Idejn il-Qorti huma marbuta fejn il-piena ta' prigunerija effettiva u multa huma tassattivi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tielet (3) imputazzjoni u minnhom tilliberah, u wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tikkundanna lill-imputat tmien (8) xhur prigunerija u elf ewro (€1000) multa.

*Inoltre*, l-Qorti tordna lill-imputat li jħallas lir-Reġistratur, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż peritali ammontanti għal mija u tlieta u hamsin ewro u erbghin centezmu (*€153.40*) li jridu jithallsu fi zmien xahar millum.

Finalment, tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**